Erba' mitt sena ilu....

# IL-BIDU TAL-PARROĊĊA TAGĦNA

minn Julian Bezzina

Erba' mitt sena ilu, fit-8 ta' Jannar, 1599, Dun Mattew Schriha qassis mill-Isla għammed l-ewwel tarbija fir-raħal tagħna u beda l-ewwel ktieb tal-magħmudijiet tal-parroċċa tagħna, li kull kappillan hu obligat li jirreġistra fih kull magħmudija. Ir-raħal tagħna kien ilu jinħass il-bżonn li titwaqqaf parroċċa billi l-parroċċa tan-Naxxar li magħha kien jagħmel, kienet 'il bogħod u t-triq għan-Naxxar kienet ħażina.

Nafu li meta l-Isqof Mons. Pietru Dusina, il-viżitatur Appostoliku ġie żar ir-raħal tagħna fit-30 ta' Jannar, 1575, l-antenati tagħna inġabru fil-Knisja ta' San Bartilmew il-qadima biex jagħtuh merħba. In-nies ħadu din l-okkażjoni biex jitolbu lil dan l-Isqof biex jibgħat qassis fir-raħal tagħna biex jieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali ta' l-Għargħurin ta' dak iż-żmien. F'kelma waħda din kienet talba biex titwaqqaf il-parroċċa tagħna. Tant hu hekk li huma wegħdu lill-isqof li kienu lesti li kull familja tagħti s-sehem tagħha f'qoton biex jinbiegħ ħalli jinġabru l-fondi għall-għixien tal-qassis.

Dak in-nhar Dun Mattew Schriha għammed liċ-ċkejken Domenico iben Octobrino u Grazia. Fir-reġistru tal-magħmudijiet hu kiteb li kien il-Kappillan ta' Casal Gregorio u li l-ġenituri tat-tarbija kienu l-parruċċani tiegħu. Id-deċiżjoni ta' l-Isqof Mons. Tumas Gargallo li jibgħat lil dan il-qassis fir-raħal tagħna, għalkemm kienet ta' fejda għall-kommunita' tar-raħal ta' dak iż-żmien, li kienet ta' madwar tmenin familja, sabet ħafna tfixkil mill-kappillan tan-Naxxar, Dun Ġiljan Borg. Iżda r-reġistru tal-Magħmudijiet, juri ċar li l-parroċċa bdiet tiffunzjona għaliex fih hemm irreġistrat żwieġ bid-data tas-26 ta' Ġunju, 1599. F'dan iż-żwieġ Agata bint Geronimo u Helen Mifsud mir-raħal tagħna, intrabtet bis-sagrament taż-żwieġ ma' Jacobe iben Jacobe u Bartolmea Agius minn Ħal Lija.

L-inkwiet ma' dan il-kappillan tan-Naxxar kien ilu jinqala' sa miz-zjara tal-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina, fl-1575. Dak in-nhar in-nies tar-raħal gżaw lil dan il-kappillan lil Mons. Dusina, għax ma kienx iqaddes fil-Knisja ta' San Ġwann fiċ-ċimiterju, l-għada tat-tliet festi l-kbar, il-Milied, l-Għid il-Kbir u l-Għid il-Ħamsin, kif kien obbligat li jagħmel b'fundazzjoni antika mwaqqfa f'din il-Knisja. In-nies tar-raħal qalu lil Mons. Dusina li dan il-kappillan kien jiġi jqaddes meta jrid. L-isqof għalhekk ordnalu li jqaddes l-għada tal-festi u mhux fi ġranet oħra.

Biċċa nkwiet oħra ma' dan il-kappillan inqalet fl-1591, Pietru u Giovanna Sciberras mir-raħal tagħna kellhom tewmin. Il-qabla, Agata Hebejer, li marret biex tgħin lil Giovanna teħles, għamdithom għax ħasbet li se jmutu u wara ħadithom għand dan il-kappillan biex jghammidhom taħt kundizzjoni,

għaliex il-magħmudija tal-qabla setgħet kienet valida. Iżda l-kappillan ċanfarha u reġa' għammed wieħed mit-trabi, għax l-ieħor laħaq miet. B'hekk ġara li s-sagrament tal-magħmudija ngħata darbtejn u dan kien żball serju tal-kappillan. Il-każ ġie rrapurtat lil Inkwiżitur Paolo Bellardito u l-kappillan inżamm fil-ħabs ta' l-isqof. Il-każ tiegħu instema' fl-1593 mill-Inkwiżitur ta' wara Giovanni Ludovico Dell'Armi u ġie lliberat.

L-inkwiet lejn Dun Mattew Schriha u Dun Ġiljan Borg jidher li nqala' fl-1601 għaliex minn din is-sena sa 1604 ma ġewx reġistrati iżjed magħmudijiet. Fir-reġistru hemm nota li dawn ġew reġistrati fir-reġistru tan-Naxxar u li l-każ tal-parroċċa ġie referut lil Inkwiżitur Fabrizio Verallo (1600 - 1605). L-inkwiżitur ddeċieda favur ir-raħal tagħna iżda mill-1605 'l quddiem Dun Mattew Schriha beda jiffirma bħala "vici-rettore di Casal Gregorio". Barra minn dan insibu wkoll xi magħmudijiet reġistrati minn qassisin oħra li jdhru li kienu jiġu minn Naxxar. Fl-1 t'Awissu, 1605 insibu waħda rreġistrata minn Dun Ġwann Bezzina "vice-rettore di Casal Naxxaro" u oħra fit-28 t'Ottubru 1605 minn Dun Andrea Bezzina "vice-rettore di Casal Gregorio". Għalhekk jidher li Dun Mattew ma baqax fir-raħal tagħna, għax mill-1605 sa l-1608 ma ġewx reġistrati magħmudijiet iżjed, iżda fit-8 ta' Marzu 1608 insibu waħda amministrata minn Dun Ġwann Battista Cilia.

Il-kwistjoni tal-parroċċa tagħna spiċċat meta miet Dun Ġiljan Borg fl-1610. L-isqof Tumas Gargallo qabel ma laħħaq kappillan ieħor għal parroċċa tan-Naxxar waqqaf il-Parroċċa ta' San Bartilmew fir-raħal tagħna. Id-dokument tal-kurja li ġie ffirmat fil-Birgu mill-Isqof Gargallo u l-Kanċillier Ignatio Saverio Bonavita, jagħmilha ċara li d-data tat-twaqqif tal-parroċċa tagħna hija 6 t'Ottubru 1598 li x'aktarx hi d-data meta Dun Mattew Schriha ġie fir-raħal tagħna. Id-data 16 ta' Lulju 1610 mhix ħlief meta dan id-dokument ġie ffirmat mill-isqof Tumas Gargallo.



*Kopja tad-dokument li jinsab fl-Arkivji Parrokkjali.*